Minuti tal-laqgħa numru tnejn u erbgħin (42) tal-Kunsill Lokali tar-Rabat, Malta (KLR) li nżammet nhar l-Erbgħa, 29 ta' Settembru 2021 fis-6.00pm.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti: | Is-Sur Sandro Craus | Sindku |
| | Is-Sur Christopher Farrugia | Kunsillier |
| | Is-Sur Kris Grech | Kunsillier |
| | Is-Sur Ian Vassallo | Kunsillier |
| | Is-Sur Nazju Cassar | Kunsillier (daħal fis-18:45) |
| | Is-Sur Rudolph Grima | Kunsillier (daħal fis-19:00) |
| | Is-Sur Anthony Bonello | Segretarju Eżekuttiv (SE) |
| Skużati: | Is-Sur Matthew Chetcuti | Viċi Sindku |
| | Is-Sra Doris Coleiro | Kunsillier |

41.01 **Talba u Qari tal-ittri ta' apoloġija** Apoloġiji

Il-Membri qalu t-talba flimkien u s-SE ressaq żewġ talbiet ta' apoloġija, waħda tas-Sur Matthew Checuti u l-oħra tas-Sa Doris Coleiro. Dawn ġew milqugħa unanimament u dawn iż-żewġ membri kienu skużati.

41.02 **Konsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-minuti tas-seduta numru erbgħin (40)** Minuti

Il-minuti tas-seduta preċedenti kienu mittieħda bħala moqrija u kienu provduti mal-Agenda biex setgħu jaqrawhom il-kunsillieri. Dawn kienu approvati u ffirmat wara li tressqu għall-vot mis-Sindku li ppoponihom u ssekondahom is-Sur Ian Vassallo.

41.03 **Approvazzjoni taċ-ċedoli tal-pagamenti numru 328 u tal-*Works/Purchase Orders* numru 47** SOP 328 u PO/WO 47

Iċ-ċedola tal-pagamenti numru 328 kif ukoll tal-ordni tax-xogħlijiet u xiri numru 47 kienu approvati u ffirmati. Fil-każ tal-W/P 47 item 10 il-ħlas lill-Idea Academy, biex is-Sra Fabienne Vassallo tagħmel id-diploma fil-Management liema ammont li se joħroġ il-KLR hu ta' €940, din se tkun imġiegħla tintrabat tibqa' taħdem mal-Kunsill għall-ħames snin u jekk tonqos, trid tirrifondi l-ammont pro-rata. F'dan il-punt kien deċiż illi *study leave* lill-impjegati kollha jkun ta' jumejn u wkoll ikunu eżentati dak in-nhar tal-eżami.

41.04 **Mistoqsijiet tal-Kunsillieri**

41.04.01 Is-Sur Rudolph Grima talab illi n-numru tat-telefon popolari 21455000 jibda jieħu aktar minn linja waħda. Hawn is-Sur Ian Vassallo qal illi l-aħjar hu li ma jibqax ikun promoss dan in-numru u jiġi promoss ieħor li mhux daqstant hu magħruf u li diġa' jeżisti. Qal ukoll li hu dejjem jaqbad fuq numru li ma jkunx ħafif biex tiftakru. Numru tat-Telefon

41.05 **Proposta minn residenta biex Triq Dun Franġisk Catania ssir pedonali għax vetturi qed jolqtu l-faċċata minħabba li t-triq hija dejqa** Talba biex issir triq pedonali

Kien deċiż illi għalissa ma ssir l-ebda' talba lil Transport Malta biex toroq jiġu pedonali. Madankollu quddiem il-problema illi vetturi tqal qed jikkaġunaw ħsarat fuq il-faċċata tad-djar, is-Sindku, is-Sur Sandro Craus issuġġerixxa illi ssir bollard.

41.06 **Ħatra ta' bord tal-intervisti għall-ingaġġ ta' żewġ ħaddiema tat-tindif u *office assistant*** Bord ta' Intervisti

Il-Bord kien maħtur mis-Sur Sandro Craus bħala Ċerpersin u s-sinjuri Janice Busuttil, Ian Vassallo u s-Sur Kris Grech li jistgħu ikunu fuq skype. L-intervisti se jsiru fl-uffiċċju.

41.07 **L-applikazzjoni tal-Kunsill għall-Fondi tal-LESA - Proġett fil-komunitajiet 2022** Proposta ta' Bring in site taħt l-art

Is-SE ippreżenta ir-write up għal applikazzjoni li tikkonċerna it-talba għal żewġ xufiera (fi skala 16) għal sena biex joperaw il-vettura li se tinxtera' li taħdem bil-batterija. Intant aktar tard fil-laqgħa kien deċiż illi s-servizz ta' din il-vettura jkun biss lejn iċ-Ċentru Ċiviku u lejn il-KLR u ma jkunx jinkludi l-banek. Madankollu kien deċiż illi l-applikazzjoni tal-Fondi tal-LESA tal-KLR tkun qed tiffoka fuq l-introduzzjoni ta' Bring In Sites taħt l-art fir-Rabat. Is-Sindku, is-Sur Sandro Craus qal illi reġa' kellna laqgħa oħra mal-kuntrattur *SR Environmental Solutions Ltd* fejn se jagħtuna l-istimi għal waħda minn dawn is-siti li joperaw b'*lift* li jtellgħu l-iskart fl-iskips minn taħt l-art.

41.08 **Il-kuntratti tat-tindif (ġbir ta' skart u knis tat-toroq)** KPI's u proposta ta' kuntratt tal-iskart addizzjonali għall-isqaqien

Kien diskuss ir-rapport Nazzjonali li qed jagħmel id-Dipartiment għall-Gvern Lokali, *Performance Report for Year 2020*. Dan ir-rapport ikopri il-*household waste, recycling, street cleanliness, fly tipping* u *maintenance of principal roads*. Il-KLR mhux kuntent bil-marki li ingħata u ħafna mir-rimedju jirrigwardja l-edukazzjoni tal-pubbliku. Madankollu intqal illi r-Rabat peress li hu maqsum f'żoni nistgħu naħdmu fuq pilot areas biex tinħareġ sejħa pubblika għall-ġbir tal-iskart speċjalment fejn qed jitħalla l-aktar u ma jinġabarx – fl-isqaqien. Waħda mil-problemi hija li l-kuntrattur xorta waħda għadu jopera bi trakk goff li ma jidħolx fl-isqaqien. Hawn is-Sindku, is-Sur Sandro Craus semma' l-isqaqien kollha fil-qalba tar-Rabat li se toħroġ is-sejħa pubblika biex ikunu koperti b'kuntratt addizzjonali.

41.09 **Konsiderazzjoni u approvazzjoni tar-Rapport ta' Evalwaturi għar-rikostruzzjoni ta' Ġnien Bir Iljun T50/188/RR** Ġnien Bir Iljun

Il-KLR ikkunsidra ir-rapport tal-evalwaturi fejn dawn skwalifikaw lil dawk illi kellhom l-offerta irħisa għaliex kienu teknikament mhux konformi u kien irrakkomandat *LBA Ltd*, li kellu l-BOQ sostanzjalment għolja. Kien deċiż illi din l-offerta tiġi kkanċellata għaliex il-KLR m'għandux il-fondi li qed jitolbu *LBA Ltd* għax kienet 'overpriced'. Dwar il-kanċellament tal-offerta kien hemm qbil unanimu. Is-Sindku, is-Sur Sandro Craus qal illi issa ma fadalx triq oħra ħlief illi ix-xogħol isir mil-kuntrattur tal-manutenzjoni tat-toroq u l-bankini – Catbros Ltd. Dan hu mistenni li jibda f'Ottubru 2021.

**Kien hemm sospenzjoni tal-agenda bejn is-7:00pm u s-7.30pm fejn il-KLR kellu viżita mill-President li se jibda' jservi fir-Reġjun Punent, is-Sur Sandro Azzopardi.** Viżita' mil-President tar-Reġjun Punent u Pjan għall-ilma

Matul din il-laqgħa kien diskuss il-pjan tal-istorm water fi Triq Kan G Gatt Said biex l-ilma ma jaqax aktar f'Dar Ħanżira u jgħerreq sal-Pjazza tal-Parroċċa. F'dan il-waqt, is-Sur Nazju Cassar qal illi hemm gandott li jwassal l-ilma sa' Ħal Bajjada li hu mbarrat għaliex hemm katakombi taħt it-triq u ma jistax isir intervent fih. ilma tax-xita f'Dar Ħanżira

Saret referenza għas-sit li minnu se jkun qed jopera r-Reġjun Punent. Is-Sur Azzopardi qal illi għalissa qiegħdin temporanjament fl-uffiċini tal-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali u qed jindagaw jekk hux possibbli li s-sede tkun permanentement fl-Imdina. Hu qal illi mhux se jkun hemm tribunal lokali u diġà hemm ingaġġat is-Segretarju Eżekuttiv. Żied jgħid ukoll illi b'kollox se jkun hemm ħames persuni joperaw fir-Reġjun Tramuntana. Reġjun Tramuntana

41.10 **Talba biex jinħarġu l-imwejjed u s-siġġijiet minn Meraki Wine Bar** Imwejjed u Siġġijiet – Meraki Wine Bar

Il-KLR iddiskuta dan il-każ fid-dettall peress li kienet saret talba sabiex il-bankina propju quddiem dan il-bar, titnaqqsilha mil-wisgħa tagħha ħalli l-karreġġjata tikber b'tali mod li jibdew jgħaddu il-vetturi kontra xulxin b'vettura ipparkjata fis-sit. Bħalissa qed ikollhom jirriversjaw jew jistennew lil xulxin għaliex Triq Santa Rita mhix daqshekk wiesgħa. Madankollu jekk jidħlu l-imwejjed u s-siġġijiet mingħajr ostaklu fuq il-bankina, il-KLR m'għandux oġġezzjoni li jkun hemm l-imwejjed u s-siġġijiet barra. Sadanittant il-KLR se jqabbad lill-Perit tiegħu jagħmel din il-korrezzjoni fil-bankina billi jdaħħal DNO fl-Awtorità tal-Ippjanar.

41.11 **Festival ta' Nar u Baned mir-Reġjun Tramuntana u l-involviment tal-baned Rabtin** Festival tan-Nar u l-Baned mir-Reġjun Tramuntana

Il-Kunsill Lokali tar-Rabat se jipparteċipa fil-Festival tan-Nar u tal-Baned nhar is-Sibt, 9 ta' Ottubru 2021. Infatti dak in-nhar se jkun hawn tliet baned idoqqu fil-Pjazza tal-Bażilika. Is-SE u l-Viċi Sindku ltaqgħu mal-għaqdiet kollha li se jipparteċipaw fis-sit fejn se jsir il-kunċert aktar kmieni l-ġimgħa l-oħra fejn inżammet laqgħa fuq is-sit. L-għaqdiet tal-baned Rabtin se jieħdu sehem, iżda minħabba oppożizzjoni minn bidwi fil-Wied tal-Marċ, in-nar tas-soċjetajiet Rabtin mhux se jinħaraq mir-Rabat.

41.12 **Rapport Finanzjarju ta' Awwissu 2021 mill-Accountant tal-Kunsill** Rapport finanzjarju Awwissu

Ir-Rapport Finanzjarju ta' Awwissu 2021 kien approvat b'vot unanimu wara li is-SE ta dawn id-dettalji. Id-dħul għal Awwissu kien ta' €106,418 filwaqt li l-ħruġ kien ta' €122,836 u għaldaqstant kien hemm bilanċ mhux favorevoli ta' €16,418

41.13 **Proposta biex Triq Santa Rita tissemma Triq il-Bażilika ta' San Pawl Barra s-Swar** Triq / Misraħ il-Bażilika ta' San Pawl barra s-swar

Il-KLR ikkunsidra dan l-isem il-ġdid propost għal Triq Santa Rita. Kien imfakkar ukoll illi l-Wisq Rev Kan Dun Louis Suban, l-eks Arċipriet, kien diġa' xtaq illi din it-triq jinbidlilha isimha minn Sta Rita għal Bażilika ta' San Pawl. Hawn is-Sindku, is-Sur Sandro Craus qal illi l-Kumitat għat-Tismija tat-Toroq kien tal-opinjoni wkoll illi dan l-isem tal-Bażilika jingħata lill-istess Pjazza tal-Parroċċa. Il-kunsillieri qablu dwar din il-proposta jiġifieri li Misraħ il-Parroċċa jissemma' Misraħ il-Bażilika ta' San Pawl Barra s-Swar.

41.14 **Espressjoni ta' Nteress mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali – Finanzjament Milied 2021** Proposta għal Milied 2021

Is-SE qal illi hu kien iddraftja l-ewwel verżjoni tal-proposta li kienet mgħoddija lill-kunsillieri permezz ta' *e-mail*. Għal-laqgħa ta' preparazzjoni li nżammet apposta attendew is-Sindku, is-Sur Sandro Craus. Fit-tieni verżjoni tal-proposti tal-Milied fir-Rabat li wkoll kienet mgħoddija lill-kunsillieri permezz ta' e-mail, kienu integrati wkoll xi idejat tal-istaff u wkoll tal-kunsillieri li ssuġġerew l-idejat tagħhom bil-miktub. Intant, il-Kunsill Lokali tar-Rabat approva l-finanzjament ta' dawn l-attivitajiet kif proposti unanimament.

41.15 **Kontijiet ġodda mill-Greenmt dwar skart imħallat mhux aċċettat minn Wasteserv** Kontijiet għall-iskart kontaminat fil-boroż il-griżi.

Dwar dan is-suġġett is-SE qal illi Greenmt qed iwaħħlu fil-Wasteserv illi persentaġġ sostanzjali tal-iskart riċiklat miġbur qed ikun kontaminat fil-boroż il-griżi li jinġabru nhar ta' Tlieta u l-Ġimgħa. Greenmt bagħtu kont lill-KLi u kellna direttiva mid-Direttur Ġeneral tal-Kunsilli Lokali biex dan ma jitħallasx.

41.16 **Pink October 2021** Dwal tal-Pink October u tal-Milied

Il-KLR iddeċieda illi din is-sena jarma' l-Għajn ta' taħt in-Niċċa ta' San Pawl fuq is-Saqqajja bid-dwal roża biex ikun jista' jipparteċipa f'din l-inizjattiva. Din id-deċiżjoni ttieħdet biex jitnaqqsu l-ispejjeż tad-dwal dekorattivi fit-toroq peress li fil-Milied 2021 hu mistenna li nerġgħu nonfqu madwar €80,000 biex nikru d-dekorazzjonijiet. Dwar dan kien hemm nuqqas ta' qbil mis-Sri Rudolph Grima u Nazju Cassar li ħassew li setgħu ikunu investiti aħjar. Is-Sindku, is-Sur Sandro Craus spjega illi diġa' hemm *committment* għal din is-sena u issa lħaqna żidna Triq il-Katakombi u Triq il-Kulleġġ.

**41.17 Punti Oħra**

41.17.01 Is-Sindku, s-Sur Sandro Craus semma l-bżonn li jindafu l-Culverts li hemm fid-Dwejra. Se naraw li ningħataw stima u ndaħħluha mal-ordni tax-xogħlijiet. Culverts

41.17.02 Is-Sindku, s-Sur Sandro Craus qal li kien avviċinat mill-Għaqda tan-Nar tas-Soċjetà San Pawl u Banda Konti Ruġġieru biex issir manutenzjoni fit-triq ta' quddiem il-fabbrika tan-nar. Il-KLR qabel unanimament illi jwettaq dawn ix-xogħlijiet billi jiffinanzja il-konkos għat-triq. Konkos fit-toroq

41.17.03 Is-Sra Janice Busuttil saħqet fuq l-importanza li jintefa' l-valenu tal-ġrieden fl-inħawi tal-appartamenti ta' Għeriexem għaliex jidher li hemm invażjoni li ġejja miċ-ċimiterju. Invażjoni tal-ġrieden

41.17.04 Is-Sur Ian Vassallo semma' l-problema li jidher li se tinħoloq fi Triq it-Torri bil-kostruzzjoni ta' binja ġdida. Hu qal illi hekk kif din tinbena' u ssir bankina ġdida se tinħoloq problema għaliex tidjieq it-triq u l-garages b'entratura komuni faċċata ta' din il-binja ma jibqgħux funzjonabbli għaliex tkun ostakolata d-daħla. Is-SE esebixxa s-sit fuq *googlemap* u l-kunsillieri qablu illi jekk tinbenà din il-parti, it-triq awtomatikament se tinfetaħ u mhux tidjieq. Diffikultà ta' aċċessibilità fi Triq it-Torri

41.17.05 Is-Sur Rudolph Grima irrapporta illi id-dwal (uplighters) kollha ta' Vjal Santu Wistin u dawk ta' Triq Santu Wistin jinsabu kollha mitfija. Hu talab biex ikunu irrappurtati lill-kuntrattur. Dwal ta' Triq/Vjal Santu Wistin (uplighters)

41.17.18 Is-Sur Ian Vassallo talab illi ssir iż-żabra u t-tindif ta' biswit l-istawa tal-Madonna fejn hemm il-blata fin-nofs bejn Triq San Trofimu u Triq Sant Aristarku. Tindif u żbir

41.17.19 Is-Sur Rudolph Grima talab sabiex issir U-bar quddiem il-ħanut tat-te fi Vjal il-Ħaddiem. Hu qal illi ġaladarba kien hemm oppożizzjoni għall-permess tal-imwejjed u s-siġġijiet, tajjeb li napprovaw din il-U Bar. U-Shape Barrier

41.17.20 Is-Sur Ian Vassallo tkellem fuq diffikultà li hemm fi Triq Emanuele Vitale viċin Triq Santa Rita. Hu qal illi hemm problema ta' aċċessibilità ta' garage b'vettura goffa. Mera tat-toroq jew it-tneħħija kompletament ta' parking bay tista' tkun ir-rimedju ta' dan. Dan kien ukoll esebit fuq googlemap dak il-ħin. Inaċċessibilità ta' garage fi Triq Emanuele Vitale

41.17.21 Is-Sur Kris Grech talab illi l-*caravan* li hemm ipparkjat għal tul ta' żmien fil-parkeġġ t'Għajn Qajjet, jitneħħa. Dwar dan is-SE qal li se jibgħat lill-Pulizija tal-Komunità. Caravan ipparkjat għal diversi ġimgħat

41.18 Tmiem il-laqgħa u d-data u l-ħin tas-seduta li jmiss

| | | |
|---|---|---|
| **(IFFIRMATA)** | | **(IFFIRMATA)** |
| Meħuda minn Anthony Bonello u approvati llum | / /2021 | minn Sandro Craus |
| Segretarju Eżekuttiv | | Sindku |